MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Numru. 56/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Frank Anthony Tabone)

**vs**

**Lawrence Galea**

**Illum 4 ta’ Lulju 2012**

**Kumpilazzjoni Numru 56/2011**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Lawrence Galea ta’ ghoxrin (20) sena, iben Victor u Josephine nee’ Galea, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar id-29 ta’ April 1991 u residenti fil-fond Margerita, Triq Mikelang Pace, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 21691G, akkuzat talli nhar id-29 ta’ Mejju 2011, fil-

granet ta’ qabel, kif ukoll fix-xhur ta’ qabel, gewwa x-Xaghra Ghawdex u f’postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkommetta serq ta’ flus liema serq hu aggravat bil-persuna, lok u valur liema valur jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan sar ghad-detriment ta’ Josephine Galea u/jew persuni ohra;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna lill haddiehor biza’ li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta’ taghhom u dan ghad-detriment ta’ missieru Victor Galea, ommu Josephine Galea u huh il-minuri Savio Galea;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra missieru Victor Galea, ommu Josephine Galea u huh il-minuri Savio Galea;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja u/jew hedded lil missieru Victor Galea, ommu Josephine Galea u huh il-minuri Savio Galea;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ huh il-minuri Savio Galea hekk kif gie iccertifikat minn Dr. Teddy George Farrugia MD.

Il-Qorti giet mitluba illi, f’kaz ta’ htija, barra l-piena tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*fol.* 125) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikolu 251 B, 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Artikoli 221, 222(1)(a);

(c) Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju 2011 kien inqala' incident fir-residenza fejn joqghod l-imputat flimkien ma' ommu u hutu, liema incident jirrizulta' li kien beda wara li l-imputat kien allegatament ha xi flus, is-somma ta' hamsin Ewro, minn ghand ommu u sussegwentement inqala' argument bejniethom. Omm l-imputat, bl-isem ta' Josephine Galea, irrapportat li ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat kien jidhol id-dar u kien ibezzaghhom b'tali mod illi anke hu z-zghir tal-imputat, bl-isem ta' Savio Galea, li ghandu hdax-il sena jghid li l-imputat kien isawtu ghal xejn b'xejn u li sahansitra darba minnhom l-imputat kien mar ghal huh Savio Galea b'sikkina u li tant kien imbezza' li ser jaghmillu xi haga li Savio Galea hass li ghandu jzomm sikkina fuqu, biex f'kaz li huh imur isawwtu dan ikun jista' jiddefendi ruhu.

Illi l-imputat kien irrilaxxa stqarrija li giet esebita u mmarkata bhala Dok. "FT 2" (*a fol.* 17 *et seq*) fejn dan filwaqt li ammetta li kien ha s-somma ta' hamsin Ewro minn gol-*portmoney* ta' ommu pero' qal ukoll li dan gara darba biss, cioé li ha xi flus minghand ommu. Jghid pero' illi kull darba li ha l-flus minn ghand ommu dejjem hadhom bil-permess taghha hlief ghal din id-darba. Fl-istess stqarrija (*fol.* 18) l-imputat jghid li huwa refa' biss darba idejh fuq missieru ghax dan mar biex jehodlu l-*mobile*. Ghall-mistoqsija kemm-il darba refa' jdejh fuq ommu jghid li darba biss refa' idejh fuq ommu u dan kien meta kellu tmien snin u ghaxar snin u jghid li r-raguni li refa' idejh fuq ommu kien ghax shabu dejjem jaqbdu mieghu u kienu jerfghu idejhom fuqu u meta kien imur id-dar ommu kienet

tghajjat mieghu u fis-sahna tad-demm kien imbuttaha jew inkella kien qaleb xi siggu mal-art. Jghid li qatt m'ghamlilha xi griehi lil ommu. Ghall-mistoqsija xi jwiegeb ghal fatt li huh jibza' minnu ghax dejjem isawwtu, l-imputat iwiegeb li kien huh li jmur ghal glied ghall-ewwel u li hu, cioé l-imputat, jiddefendi ruhu.

Fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2011, xehdet **Josephine Galea**, (*a fol.* 25 *et seq*) fejn din bdiet billi qalet li kienet qed tahfer lill-imputat ghal dak li kien ghamel basta joqghod sew la darba jmur id-dar. Omm l-imputat qalet li f'gurnata minnhom hi kellha l-flus fil-karozza u l-imputat kien seraqhomlha u hi haditlu l-*mobile*. Tghid li l-flus li hadilha l-imputat kienu hamsin Ewro. Tispjega li ma kinitx l-ewwel darba li hadilha l-flus u tghid li spiccaw jargumentaw ghax l-imputat ried bilfors il-*mobile* u hi ma riditx taghtihulu. Tistqarr (*a fol.* 28) li l-imputat kien idejjaqha meta kien imissilha l-flus u tghid ukoll li kien idejjaqha jipprova jaghmel dak li jrid hu. Tistqarr li kien ikkometta vjolenza fuqha billi jmissha jew jimbuttaha.

Fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2011, xehed ukoll missier l-imputat, **Victor Galea** (*a fol.* 30 *et seq*) fejn beda billi jghid li huwa jahfer lill-imputat ghal dak li ghamel. Dan ix-xhud qal li jirrizulta' li l-imputat kien ha xi hamsin Ewro u hu kien tah kastig fis-sens li kien hadlu l-*mobile* u kien qallu li jekk ma jaghtihomx il-hamsin Ewro ma kienx ser jaghtih il-*mobile* lura. Dan ix-xhud ikompli jispjega li l-mara tieghu kienet ghaddejja minn xi ftit *depression* u li xi haga zghira taghmilha xi haga kbira u li f'hafna affarijiet hu ma jaqbilx maghha ghax jara li hi tissikkah izzejjed lill-imputat.

Fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2011, xehed **PS 676 Edelon Spiteri** (*fol.* 33 *et seq*) u dan xehed dwar ir-rapport li kien hejja huwa.

Fl-istess seduta xehed il-minuri **Savio Galea** (*a fol*. 3 *et seq*5) permezz tal-*video conferencing*. Jghid li l-imputat kien imbuttah, girfu, tah fuq idejh fuq il-lemin. Jghid li r-raguni ghaliex huh imbuttah kien biex jiehu l-*mobile*, u jghid li dan il-mobile kien ta' omm l-imputat u hi kienet selfithulu. Jghid ukoll li meta kienu zghar kienu joqghodu

jaghtu meta l-imputat kellu madwar tnax. Meta mistoqsi rigward perjodi ohra fil-vicin jghid li ma jiftakarx. In kontro-ezami jghid li meta huh imbuttah, hu, cioé Savio Galea, ma waqa' ma mkien. Mistoqsi rigward ir-relazzjoni ta' bejniethom, cioé ta' Savio Galea u ta' huh l-imputat, jghid li din hija wahda *"sew"* u jghid ukoll li kien qieghed jahfirlu lill-imputat ghal dak li ghamel.

Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2011, xehed **Dr. Teddie George Farrugia** (*a fol.* 48 *et seq*) fejn dan xehed rigward certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "FT 1" (*a fol.* 16). Dr. Farrugia xehed illi l-griehi subiti minn Savio Galea kienu ta' natura hafifa.

Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2011, xehed **PS 1464 Michael Portelli** (*a fol.* 57) li gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, cioé dik immarkata bhala Dok. "FT 2" (*a fol.* 17 *et seq*).

Fl-istess seduta xehdet ukoll **Pauline Camilleri** (*a fol.* 58 *et seq*) fejn qalet li ghal dawn l-ahhar hmistax-il gurnata l-imputat kien qieghed joqghod ix-*Short Stay Ward* u li l-imputat kellu imgieba tajba hafna. Tghid ukoll li kien hemm xi zmien fejn l-imputat kien qed jattendi ghand il-psikjatra Dr. Anton Grech pero' ghal dawn l-ahhar sentejn kien waqaf.

Fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2011, xehed **Dr. Anton Grech** (*a fol.* 66 *et seq*) u dan qal li l-imputat kien taht il-kura tieghu ghal xi zmien ghalkemm dan l-ahhar ma kienx ghadu taht il-kura tieghu. Jghid ukoll li l-imputat ibghati minn kundizzjoni jisimha ADHD u jghid ukoll li parti minnha hija li l-persuna tkun impulsiva u li l-imputat kien jiehu l-kura ghaliha u mbaghad waqaf. Jispjega wkoll li hu tal-fehma li l-imputat ghandu jibqa' jigi iffolowjat. Jiddeskrivi l-kundizzjoni li semma qabel bhala li l-persuna jkollha nuqqas ta' koncentrazzjoni u certu impulsivita` li, bazikament, l-affarijiet ma jahsibhomx u li f'kaz li l-persuna jkollha xi kwistjoni ma' xi hadd ma toqghodx lura x'se tghid. In kontro-ezami jghid ukoll li din l-impulsivita` tista' twassal ukoll ghall-aggressivita'.

Fis-seduta tat-28 ta’ Gunju 2011, xehdet **WPC 109 Francis Portelli** (*a fol.* 68 *et seq*) li xehdet rigward l-involviment taghha f’dan il-kaz. In kontro-ezami hija tghid li l-incident in kwistjoni ma sarx quddiemha u li meta marret hi fuq il-post l-imputat ma kienx prezenti.
Fis-seduta tal-20 ta’ Settembru 2011, regghet xehdet omm l-imputat **Josephine Galea** (*a fol.* 89 *et seq*) li ddikjarat li apparti li kienet qed tahfirlu lill-imputat ghal dak li ghamel kienet lesta li twaqqa’ l-akkuzi u tirrinunzja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat, inkluz dawk rigward is-serq.

Fis-seduta tal-1 ta’ Novembru 2011, xehdet il-*Probation Officer* **Joanna Farrugia** (*a fol.* 99 *et seq*) illi esebiet is-*social enquiry report* mhejji fil-konfront tal-imputat, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. “JF1”. Fix-xhieda taghha Joanna Farrugia tghid illi irrizultalha li kien hemm verzjonijiet differenti, fis-sens li filwaqt illi l-omm tal-imputat tghid illi l-imputat huwa mqareb u li jkun hemm argumenti ma’ huh imma jidher li l-affarijiet m’humiex daqshekk gravi bhalma hija (omm l-imputat) qalet lill-Ispettur, mill-banda l-ohra l-omm tidher illi zzommlu lill-imputat pero’ missier l-imputat huwa permessiv fis-sens illi jekk l-omm izzomm, il-missier minn naha l-ohra huwa forsi naqra anqas aktar permessiv allura dawn il-*parenting skills* differenti jkollhom effett fuq it-tifel. Dan xehditu *a fol.* 99 tal-process. Tkompli tixhed fis-sens li filwaqt li l-omm tghid illi l-imputat ma kellux problemi l-iskola, l-missier jghid li l-imputat kien suggett ghal *bullying*. Tghid ukoll illi omm l-imputat kienet bidlet il-verzjoni u dan ghar-raguni li dak li kien gara kien illi kienu ssaraw minhabba xi *mobile* u kulma kien ghamel l-imputat kien li mbuttahha u qatt ma kien aggressiv la fil-konfront taghha, la fil-konfront ta’ huh il-minuri Savio Galea, u lanqas fil-konfront tal-missier.

Fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2011, rega’ xehed missier l-imputat (*a fol.* 116) fejn qal illi kien qed jahfer lill-imputat u li kien qed jirrinunzja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat u li ma xtaqx ikompli bil-proceduri kontrieh.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti terga’ taghmel referenza ghall-artikoli indikati fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali *a fol*. 125 tal-process.

Illi ghandu jigi irrelevat li fir-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali m’hemm l-ebda referenza ghall-ewwel (1), ghat-tielet (3) u ghar-raba’ (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat fic-citazzjoni u konsegwentament il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet imsemmija.

Illi l-imputat qed jigi akkuzat ukoll, taht it-tieni (2) imputazzjoni, li kkaguna biza’ li ser tintuza` vjolenza kontra nies ohrajn u dan taht l-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghax-xiehda moghtija mill-genituri u minn hu l-imputat (fejn huma iddikjaraw li kienu qed jahfru ghal dak li kien ghamel l-imputat) taghmel riferenza wkoll ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t’April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta’ Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta’ Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

“Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: ‘lil xi ħadd ieħor hekk jibża’ kull darba minn dawk lokkażjonijiet’. Jista’ jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x’ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta”.

Illi, tenut kont ta’ dak li nghad f’din is-sentenza u tenut kont tal-provi mismugha minn din il-Qorti, b’mod partikolari

x-xhieda moghtija mill-*probation officer* Joanna Farrugia, il-Qorti hija tal-fehma li l-agir tal-imputat ma jikklassifikax bhala wiehed li jaqa' fil-parametri ta' Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana b'mod specjali minhabba li ma giex pruvat il-*course of conduct* rikjest. Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jigi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li hu l-imputat kien hafer lill-imputat ghal dik li kien ghamel, u ghaldaqstant ghandu jigi dikjarat procediment ezawriet fil-konfront ta' tali imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni u tillibera lill-imputat, minhabba nuqqas ta' provi, mit-tieni (2) imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------